Nru./No. 21,222
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 15 ta' April, 2024
Monday, 15th April, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 4297
Government Notices *4297*

Avviżi tal-Gvern ..... 4298 - 4300
Notices ..... *4298 - 4300*

Avviżi tal-Qorti ..... 4300 - 4304
Court Notices ..... *4300 - 4304*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 492

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 12 ta' April, 2024, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-12 ta' April, 2024
(OPM/19/2022)

Nru. 493

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar is-Sibt, 13 ta' April, 2024, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 492 tat-12 ta' April, 2024, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-13 ta' April, 2024
(OPM/19/2022)

Nru. 494

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja fuq Xiri u l-Istallazzjoni ta' Apparat li Jippurifika l-Ilma

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 63, ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,296 tal-15 Novembru, 2019, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern sussegwenti Nru. 476 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,038 tas-17 ta' April, 2023, l-iskema ta' għotja 'Għotja fuq Xiri u l-istallazzjoni ta' apparat li jippurifika l-ilma' qed tiġi trasferita kif ġej.

L-iskema msemmija hawn fuq qed tiġi ttrasferita mill-Ministeru għall-Finanzi għall-Uffiċċju tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma fil-15 ta' April, 2024. Iktar dettalji jinsabu fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 484, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,221 tat-12 ta' April, 2024.

Il-15 ta' April, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 492

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, assumes the additional duties of the Prime Minister on Friday, 12th April, 2024, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

12th April, 2024

No. 493

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Saturday, 13th April, 2024, and that the arrangements made by Government Notice No. 492 of the 12th April, 2024, ceased to have effect accordingly.

13th April, 2024

No. 494

MINISTRY FOR FINANCE

Grant on the Purchase and Installation of Water Purifying Equipment

WITH reference to Government Notice No. 63, published in Government Gazette No. 20,296 of 15th November, 2019, and the subsequent Government Notice No. 476 published in Government Gazette No. 21,038 of 17th April, 2023, the grant scheme 'Grant on the purchase and installation of water purifying equipment' is being transferred as follows.

The above-mentioned grant scheme will be transferred from the Ministry for Finance to the Office of the Regulator for Energy and Water Services on the 15th April, 2024. Further details are provided in Government Notice No. 484, published in Government Gazette No. 21,221 of 12th April, 2024.

15th April, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali bid-data tal-15 ta' April, 2024, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467).

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-15 ta' April, 2024

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skont l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni qegħda b'dan tavża li bis-saħħa ta' dak provdut fl-Att tal-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, sejra ssir elezzjoni nhar is-Sibt, it-8 ta' Ġunju, 2024.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-15 ta' April, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tar-Regolament 15(2) tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-15 ta' April, 2024

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skont l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni b'dan tgħarraf li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, ser ssir elezzjoni fil-lokalitajiet ta' Il-Belt Valletta, L-Imdina, Il-Birgu, L-Isla, Bormla, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ (Malta), Ħaż-Żabbar, Is-Siġġiewi, Iż-Żejtun, Ir-Rabat (Għawdex), Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, Birżebbuġa, Ħad-Dingli, Il-Fgura, Floriana, Il-Fontana, Il-Gudja, Il-Gżira, Għajnsielem, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Ħal Għaxaq, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ta' Kerċem, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Ħal Luqa, Il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Il-Mellieħa, L-Imġarr, Il-Mosta, L-Imqabba, L-Imsida, Il-Munxar, In-Nadur, In-Naxxar, Paola, Pembroke, Tal-Pietà, Il-Qala, Il-Qrendi, Ir-Rabat (Malta), Ħal

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

The Notice by the Electoral Commission dated 15th April, 2024 reproduced hereunder, is published for the purposes of article 9 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467).

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

15th April, 2024

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of article 60 of the Constitution hereby notifies that in virtue of the provisions of the European Parliament Elections Act, an election is being held on Saturday, 8th June, 2024.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

15th April, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

The Notice by the Electoral Commission reproduced hereunder, is published for the purposes of Regulation 15(2) of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363).

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

15th April, 2024

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of article 60 of the Constitution hereby notifies that, in virtue of the provisions of the Local Government Act, an election is being held in the localities of Il-Belt Valletta, L-Imdina, Il-Birgu, L-Isla, Bormla, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ (Malta), Ħaż-Żabbar, Is-Siġġiewi, Iż-Żejtun, Ir-Rabat (Gozo), Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, Birżebbuġa, Ħad-Dingli, Il-Fgura, Floriana, Il-Fontana, Il-Gudja, Il-Gżira, Għajnsielem, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Ħal Għaxaq, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ta' Kerċem, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Ħal Luqa, Il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Il-Mellieħa, L-Imġarr, Il-Mosta, L-Imqabba, L-Imsida, Il-Munxar, In-Nadur, In-Naxxar, Paola, Pembroke, Tal-Pietà, Il-Qala, Il-Qrendi, Ir-

Safi, San Ġiljan, San Ġwann, San Lawrenz, San Pawl il-Baħar, Ta' Sannat, Santa Luċija, Santa Venera, Tas-Sliema, Is-Swieqi, Ta' Xbiex, Ħal Tarxien, Ix-Xagħra, Ix-Xewkija, Ix-Xgħajra, Iż-Żebbuġ (Għawdex), Iż-Żurrieq u L-Imtarfa, nhar is-Sibt, it-8 ta' Ġunju, 2024.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-15 ta' April, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont is-subartikolu (3A) (a) tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), dawk il-persuni li ser ikunu msiefra jew rikoverati fi sptar f'jum il-votazzjoni nhar is-Sibt, it-8 ta' Ġunju, 2024, u li ser jagħmlu dan b'dikjarazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvotaw nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, għandhom jagħmlu din id-dikjarazzjoni sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024, skont il-ħinijiet murija hawn taħt:

Mit-8.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' April, 2024, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024 (ħin ta' Malta).

Onlajn - websajt: www.electoral.gov.mt

Fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Kumpless tal-Għadd tal-Voti, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, u fl-Uffiċċju Elettorali, Sezzjoni tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat (Għawdex)

Mit-Tlieta, it-30 ta' April, 2024

Mit-8.00am sas-1.00 p.m.
u mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' April, 2024

Rabat (Malta), Ħal Safi, San Ġiljan, San Ġwann, San Lawrenz, San Pawl il-Baħar, Ta' Sannat, Santa Luċija, Santa Venera, Tas-Sliema, Is-Swieqi, Ta' Xbiex, Ħal Tarxien, Ix-Xagħra, Ix-Xewkija, Ix-Xgħajra, Iż-Żebbuġ (Gozo), Iż-Żurrieq and L-Imtarfa, on Saturday, 8th June, 2024.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

15th April, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in terms of subarticle (3A) (a) of article 77 of the General Elections Act (Cap. 354), that those persons who shall be abroad or hospitalised on polling day, Saturday, 8th June, 2024, and who are going to declare so that they may cast their vote on Saturday, 1st June, 2024, should make such declaration up to noon of Friday, 31st May, 2024, according to the hours indicated below:

From 8.00 a.m. of Tuesday, 16th April, 2024, till noon of Friday, 31st May, 2024 (Malta time).

Online - website: www.electoral.gov. mt

At the Office of the Electoral Commission, Vote Counting Complex, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, and at the Electoral Office, Identity Card Section, St Francis Square, Ir-Rabat (Gozo)

From Tuesday, 30th April, 2024

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
and from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Friday, 31st May, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to noon.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th April, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi skont is-subartikolu (3A) (a) tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), dawk il-persuni li ser ikunu msiefra jew rikoverati fi sptar f'jum il-votazzjoni nhar is-Sibt, it-8 ta' Ġunju, 2024, u li ser jagħmlu dan b'dikjarazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvotaw nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, għandhom jagħmlu din id-dikjarazzjoni sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024, skont il-ħinijiet murija hawn taħt:

Mit-8.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' April, 2024, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024 (ħin ta' Malta).

Onlajn - websajt: www.electoral.gov.mt

Fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Kumpless tal-Għadd tal-Voti, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, u fl-Uffiċċju Elettorali, Sezzjoni tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat (Għawdex)

Mit-Tlieta, it-30 ta' April, 2024

Mit-8.00am sas-1.00 p.m.
u mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' April, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of subarticle (3A) (a) of article 77 of the General Elections Act (Cap. 354), that those persons who shall be abroad or hospitalised on polling day, Saturday, 8th June, 2024, and who are going to declare so that they may cast their vote on Saturday, 1st June, 2024, should make such declaration up to noon of Friday, 31st May, 2024, according to the hours indicated below:

From 8.00 a.m. of Tuesday, 16th April, 2024, till noon of Friday, 31st May, 2024 (Malta time).

Online - website: www.electoral.gov. mt

At the Office of the Electoral Commission, Vote Counting Complex, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, and at the Electoral Office, Identity Card Section, St Francis Square, Ir-Rabat (Gozo)

From Tuesday, 30th April, 2024

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
and from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Friday, 31st May, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to noon.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th April, 2024

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

833

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2024, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Emanuel Caruana et vs Martin Galdes Rikors numru 2/2024SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Martin Galdes a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Emanuel Caruana (KI 176247M) u Carmen Caruana (KI 40648M) għal kull interess

By means of a decree of the 11th March, 2024, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Emanuel Caruana et vs Martin Galdes, Application Number 2/2024SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Martin Galdes in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Emanuel Caruana (ID 176247M) and Carmen Caruana (ID 40648M)

li jista' jkollha vs Martin Galdes (KI 667358M) ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fis-16 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Emanuel Caruana (KI 176247M) u Carmen Caruana (KI 40648M) għal kull interess li jista' jkollha talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-qbiela billi matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, ħalla r-raba' ma jinħadimx għall-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skont il-kalendarju a tenur tal-artikolu 4(2)(d) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta u l-għalqa tħalliet żdingata u infruttifera;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimat ivvjola d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(f) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma żammx l-istess raba' fi stat tajjeb, fosthom li minkejja li l-ħhitan tar-raba' ġarrbu ħsarat sostanzjali dawn ma ssewwewx u ma nżammux fi stat tajjeb, mela r-raba' b'injam, pellets u mbarazz ieħor, kif ukoll erega strutturi għall-użu ta' stalel mingħajr awtorizzazzjoni u l-kunsens tar-rikorrenti u l-awtoritajiet responsabbli mill-ippjanar u possibbilment illegalitajiet oħra, b'dan illi ġew ikkaġunati ħsarat irreparabbli lir-raba';

3. Jiddikjara u jiddeċiedi li r-rikorrenti jelħtieġu lura r-raba' sabiex jiġi użat għal skopijiet agrikoli minn uliedhom u dan a tenur tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Jordna t-terminazzjoni tal-qbiela stante li l-intimat kiser il-kundizzjoijiet tal-kirja għar-raġunijiet su esposti u wkoll stante li r-rikorrenti jeħtieġu lura r-raba' sabiex jiġi użat għal skopijiet agrikoli minn uliedhom u dan a tenur tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tar-raba' magħrufa bħala Tal-Lebbien sive Il-Hofra fil-limiti tal-Gudja;

6. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-istess raba' fi żmien qasir u perentorju li dan il-Bord jogħġbu jiffissa għal dan l-iskop u sabiex l-intimat jgħaddi l-pussess sħiħ u liberu u ċ-ċwievet kollha tar-raba' u tal-kmamar fl-istess raba' msemmija lir-rikorrenti;

7. Jiddikjara, jiddeċiedi u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas għall-ħsarat u l-illegalitajiet kollha li ġew ikkaġunati lir-raba' magħrufa bħala Tal-Lebbien sive Il-Hofra fil-limiti tal-Gudja, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, stante n-nuqqas tal-intimat li jottempra ruħu mal-kundizzjonijiet su esposti tal-qbiela u konsegwentement jillikwida kwalsijasi kumpens f'danni pagabbli taħt il-provvedimenti tal-liġi; u

8. Jordna lill-intimat sabiex ineħħi l-illegalitajiet kollha mir-raba' a spejjeż tiegħu fi żmien qasir u perentorju u li fin-

for any interest she may have vs Martin Galdes (ID 667358M), filed in the Rural Leases Control Board, on the 16th January, 2024, the applicants Emanuel Caruana (ID 176247M) and Carmen Caruana (ID 40648M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent breached the conditions of the agricultural lease as during the two years before the date of termination, he left the field fallow for at least twelve consecutive months according to the calendar in terms of Article 4 (2) (d) of Cap. 199 of the Laws of Malta and the field was left abandoned and not bearing any produce;

2. Declare and decide that the respondent breached the provisions of Article 4 (1)(f) of Cap 199 of the Laws of Malta, by not keeping the same land in a good state, amongst which that despite that the walls of the field were substantially damaged, these were not repaired and not kept in a good state, filled the field with wood, pellets and other debris, as well as erected structures for the use of stables without authorisation and the consent of the applicants and the planning authorities and possibly other illegalities, in such a way that irreparable damages were caused to the land;

3. Declare and decide that the applicants néed back the land in order to be used for agricultural purposes by their children and this in terms of Article 4 (2) (a) of Cap 199 of the Laws of Malta;

4. Order the termination of the lease since the respondent breached the conditions of the lease for the reasons above mentioned and also since the applicants néed back the land in order to be used for agricultural purposes by their children and this in terms of Article 4 (2) (a) of Cap. 199 of the Laws of Malta;

5. Authorise the applicants to resume possession of the land known as Tal-Lebbien sive Il-Hofra in the limits of Gudja;

6. Order the eviction of the respondent from the same land within a short and peremptory time that this Board shall fix for this purpose and so that the respondent passes on the full and free possession and the keys of all the fields and rooms in the same said land to the applicants;

7. Declare, decide and condemn the respondent to pay for all the damages and illegalities caused on the land known as Tal-Lebbien sive Il-Hofra in the limits of Gudja, if needed by the appointment of referees, due to the failure of the respondent to abide with the above conditions of the lease and consequently liquidate any compensation in damages payable under the provisions of law; and

8. Order the respondent to remove all the illegalities from the land at his expense within a short and peremptory time

nuqqas ta' ottemperament daparti tal-inimat entro t-terminu lilu prefiss, tawotirzza lir-rikorrenti jneħħu l-illegalitajiet huma u jagħmlu huma tali xogħoljiet ta' riintegrazzjoni u ripristinar, okkorendo taħt is-superviżjoni ta' periti nominadi, u dan a spejjeż tal-istess intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa hu inġunt għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lir-rikorrenti inkluż għad-danni jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: 3, Triq Mariano Gerada, Ħal Għaxaq

Intimat: Marin Galdes, 58 Santa Marija, Triq San Mark, Il-Gudja

Ir-rikors fl-ismijiet Emanuel Caruana et vs Martin Galdes, Rikors numru 2/2024SG, jinsab differit għat-22 ta' April, 2024, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and that in default of compliance on the part of the unknown within the time fixed to him, approve the applicants to remove the illegalities due and carry out such reintegration and restoration works, if necessary under the supervision of appointed architects, and this at the expense of the same respondent.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and reserving for any other action competent to the applicant including damages if the case may be.

Applicant: 3, Triq Mariano Gerada, Ħal Għaxaq

Respondent: Martin Galdes, 58, Santa Marija, Triq San Mark, Gudja

The application in the names Emanuel Caruana et vs Martin Galdes, Application Number 2/2024SG has been postponed for hearing to the 22nd April, 2024, at 9.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

834

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Frar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 2356/2023, fl-ismijiet (rikorrenti) Pisani Brothers Limited et vs (intimat) Borg & Aquilina Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Borg & Aquilina Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (rikorrenti) Pisani Brothers Limited (C6975), Stephanie Sullivan (KI 27758M), Jean Paul Calleja (KI 11361M), Erika Portanier (KI 390070M) u Andrew Cassar (KI 518071M) vs (intimat) Borg & Aquilina Limited (C496) fit-22 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrenti Pisani Brothers Limited (C6975) et talbu lil dan l-Onorabbli Board:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimati naqsu li jagħmlu dan sal-lum.

Fond: 29,30,33 u 34 Church Wharf, Il-Marsa

Sentenza: skont sentenza deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera skont Rikors numru 440,2023JG fl-ismijiet Pisani Brothers Limited et vs Borg & Aquilina Limited deċiża fit-

By means of a decree of the 29th February, 2024, by the Rent Regulation Board, in the records of the Warrant of Eviction Number 2356/2023 in the names (Applicant) Pisani Brothers Limited et vs (respondent) Borg & Aquilina Limited the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Borg & Aquilina Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the Rent Regulation Board, in the names (applicants) Pisani Brothers Limited (C6975), Stephanie Sullivan (ID 27758M), Jean Paul Calleja (ID 11361M), Erika Portanier (ID 390070M) and Andrew Cassar (ID 518071M) vs (respondents) Borg & Aquilina Limited (C-496) filed on the 22nd December, 2023, the applicants Pisani Brothers Limited (C6975) et asked this Honourable Board:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: 29,30,33 and 34 Church Wharf, Marsa

Judgement: according to a judgement by the Rent Regulation Bord according to application number 444/2023JG in the names Pisani Brothers Limited et vs Borg

18 ta' Ottubru, 2023, fejn ġie ordnat l-iżgumbrament entro terminu ta' wieħed u għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza, liema terminu kien wieħed perentorju u li issa għadda, u dan skont l-istess sentenza li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument ND1.

Illum 4 ta' Jannar, 2024

Ippreżentant mill-Avukat Nicholas DeBono u l-PL Adriana Buhagiar

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Bord tal-Kera mill-Magistrat Dott. Charmaine Galea Mifsud, LLD.

Illum 9 ta' Jannar, 2024

Rikorrenti: 22, Europa Centre, Il-Furjana FRN 1400

Intimat: 185, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Esekuzzjoni: 29, 30, 33 u 34 Church Wharf, Il-Marsa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

& Aquilina Limited decided on the 18th October 2023 where the eviction was ordered within twenty one days from the date of judgement, which term was peremptory and has now passed, and this according to the same judgement a copy of which is being attached and marked as document ND1.

Today 4th January, 2024

Filed by Dr Nicholas DeBono and LP Adriana Buhagiar

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Court above mentioned with the witness of the Rent Regulation Board by Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD.

Today 9th January, 2024

Applicants: 22, Europa Centre, Floriana FRN 1400

respondent: 185, Triq l-Ifran, Valletta

Execution: 29, 30, 33 and 34, Church Wharf, Marsa

Registry of the Superior Courts, today 12th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

835

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' April, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Yordan Iliev Iliev et vs Francesco Rugeri, Rikors numru 157/2023CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Francesco Rugeri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Yordan Iliev Iliev (KI 0157919L) u Margarita Vnukova (KI 0447420L) vs Francesco Rugeri (KI 0197316A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti Yordan Iliev Iliev (KI 0157919L u Margarita Vnukova (KI 0447420L) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' €12,000.00 rappreżentanti kera dovuta mill-istess intimat sat-28 ga' Frar, 2023, u fl-ammont ta' €548.31

By means of a decree of the 4th April, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Yordan Iliev Iliev et vs Francesco Rugeri, Application number 157/2023CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Francesco Rugeri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Yordan Iliev Iliev (ID 0157919L) and Margarita Vnukova (ID 0447420L) vs Francesco Rugeri (ID 0197316A) filed before the Rent Regulation Board, on the 24th March 2023, the applicants Yordan Iliev Iliev (ID 0157919L) and Margarita Vnukova (ID 0447420L) requested this Honourable Board to:

1. Declare that the defendant is a debtor of plaintiffs in the amount of €12,00.00 representing rent due by the same defendant up until the 28th February, 2023, and the amount

rappreżentanti konsum tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma, jew somom oħra verjuri;

2. Tikkundanna konsegwentement, lill-intimat sabiex iħallas, lir-rikorrenti l-ammont ta' €12,000.00 rappreżentanti kera dovuta mill-istess itimat sat-28 ta' Frar, 2023, u l-ammont ta' €548.31 rappreżentanti konsum tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma jew somom oħra verjuri, bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data tan-notifika tal-preżenti att ġudizzjarju sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għad-danni li huwa kkaġuna lir-rikorrenti, inkluż iżda mhux biss ħsarat fil-fond li ġie mikri lilu u fl-oġġetti mobbli li kienu jinstabu ġewwa l-istess fond;

4. Tillikwida konsegwentement id-danni hekk ikkaġunati;

5. Tikkundanna konsegwentement lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti, id-danni hekk likwidat, bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

6. Tiddikjara illi l-kirja de quo ġiet terminata b'effett mill-1 ta' Marzu, 2023, ossija matul id-durata tal-perjodu di fermo li kellu jintemm fl-14 ta' Novembru, 2029, u għaldaqstant l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti f'ammont rappreżentanti l-kera li kienet tkun dovuta mill-istess intimat lir-rikorrenti sal-14 ta' Novembru, 2029, jew sa data oħra verjuri;

7. Tillikwida, konsegwentement l-ammont rappreżentanti l-kera li kienet tkun dovuta mill-istess intimat lir-rikorrenti sal-14 ta' Novembru, 2029, jew sa data oħra verjuri;

8. Tikkundanna, konsegwentement lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-intimat, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Floyd Court, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

Intimat: Gardenia, Triq il-Modd, Tal-Ibraġ

Ir-rikors fl-ismijiet Yordan Iliev Iliev et vs Francesco Rugeri, Rikors numru 157/2023CG, jinsab differit għat-23 ta' April, 2024, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of €548.32 representing water and electricity consumption, or any other different amounts;

2. Condemn consequently, the defendant to pay, onto plaintiffs, the amount of €12,000.00 representing rent due by the same defendant up until the 28th February, 2023, and in the amount of €548.32 representing water and electricity consumption, or any other different amounts, with interest with effect from the date of service of this judicial act up until the date of effective payment;

3. Declare that the defendant is responsible for damages which he caused to plaintiffs, including amongst others, damages to the premises which were leased to him and to the moveable objects contained therein;

4. Liquidate consequently the damages caused;

5. Condemn consequently, the defendant to pay, onto plaintiffs, the damages so liquidated with interest with effect from the date of judgment up until the date of effective payment;

6. Declare that the lease in question was terminated with effect from the 1st March 2023, namely throughout the duration of the di fermo period which had to lapse on the 14th November, 2029, and that therefore the defendant is a debtor of plaintiffs in an amount representing the rent which would have been due by defendant to plaintiffs up until the 14th November, 2029, or up until any other different date;

7. Liquidate, consequently, the amount representing the rent which would have been due by the defendant to plaintiffs up until the 14th November, 2029, or up until any other different date;

8. Condemn, consequently, the defendant to pay, onto plaintiffs, the amount so liquidated with interest with effect from the date of judgment up until the date of effective payment.

With costs, including those of the precautionary garnishee order which is being filed concurrently with this application, against the defendant, who is hereby being referred to his oath in terms of law.

Plaintiffs: Floyd Court, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

Respondent: Gardenia, Triq il-Mod, Tal-Ibraġ

The application in the names Yordan Iliev Iliev et vs Francesco Rugeri, Application number 157/2023CG has been postponed for hearing to the 23rd April, 2024, at 9.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*